


# L-Iżgħar: L-Għasri

Antoine Vassallo

Illum se nħarsu ftit lejn l-iżgħar parroċċa Għawdxija: l-Għasri. Fih ftit mijiet ta' abitanti, iżda art imdaqqsa – u xorta għandu x'jinteressana!

Għalkemm dan ir-raħal mank ilu mitt sena parroċċa (mill-1921), l-isem (anki jekk spellut differenti), insibuh f'dokumenti sa mis-seklu sittax. Skont il-Viżta Appostolika tal-1575, il-kontradi f'dawn l-inħawi kienu jagħmlu minn parroċċi oħra – u kellhom nuqqasijiet f'dak li għandu x'jaqsam is-servizz reliġjuż, ħlief għall-preżenza ta' kappelli.

L-iktar waħda importanti kienet dik Marjana, li llum nafuha bħala l-Bażilika tal-Patroċinju (jew "il-knisja tal-Wied", peress li f'Wied il-Għasri). Ta' min jinnota li dan it-titlu kien oriġinarjament waqqfu festa l-Papa Alessandru VII wara li spiċċa l-inkarigu ta' Inkwiżitur f'pajjiżna. U, ftit wara li l-Papa Benedittu XIII estendieha għall-Knisja Universali, waslet fi gżiritna. Il-kappella tbierket fl-1739 u jidher li mill-ewwel ġibdet id-devoti għax sal-1754 inħattet biex tkabbret u tbierket mill-ġdid – kollox fi ħmistax-il sena! Fl-1789 ikkonsagraha l-Isqof Labini waqt Viżta Pastorali – l-unika knisja konsagrata fil-kampanja Għawdxija, b'volum kbir ta' quddies. Sadattant, wara kuntatti f'Ruma mir-rettur Dun Tumas Saliba, kienet waslet l-ewwel titlu fi gżiritna ta' Bażilika (affiljata ma' *Santa Maria Maggiore*).

L-Isqof Grech Delicata fl-1872 għolla l-knisja tal-Patroċinju għal viċi-parroċċa taħt Dun Ġużepp Diacono li kien ordnat qassis fl-1871: mill-ewwel beda miexi! Fil-fatt kellu ħafna x'jagħti lill-Knisja u s-soċjetà tagħna (fost l-opri tiegħu, hemm l-industrija tal-bizzilla u s-Sorijiet Franġiskani "tal-Istilla"); irnexxa anki fit-tħażżiż ta' pjanti – inkluża dik li kellha tkun il-knisja parrokkjali.

L-artal maġġur hu magħmul mill-alabastru ("irħam taż-Żebbuġ") u l-kwadru titulari tpitter



minn Francesco Zahra fl-1739. Iżda hemm diversi pitturi (fosthom juru San Pawl, San Ġużepp u titli Marjani) u oġġetti artistiċi oħra.

Il-bżonn għal knisja li tkun tilqa' popolazzjoni tikber wassal, wara ħafna sforzi, biex l-Isqof Camilleri jbierek l-ewwel ġebla ta' waħda ġdida fl-1903 u jikkonsagraha fl-1916. Il-kwadru titulari jirrappreżenta t-twaqqif tal-Ewkaristija, xogħol fin ta' Lazzaro Pisani, li tpoġġa s-sena ta' wara. Infatti hi ddedikata lill-*Corpus* u kellu jkun "referendum" fl-1980 li bidel għal Ġesu Kristu Ewkaristiku Salvatur ħalli jippermetti statwa proċessjonali: l-aħħar fid-Djoċesi.

Komplew l-attentati u d-diskussjonijiet (prinċipalment dwar il-konfini) sa x'ħin l-Isqof iffirma d-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa fl-1921. Il-wasla tal-Kunsilli Lokali wassa' t-territorju tar-raħal.

L-ewwel kappillan inħatar Dun Ġużepp Galea, bil-bidu formali tal-parroċċa fil-5 ta' Marzu 1922. Sfortunatament, minħabba xi rjus sħan, kellu jirriżenja sentejn wara. Beda jingħad li, bħala kastig għal din l-imġieba, ma jkunx hemm iktar vokazzjonijiet Għasrin!

Tefgħa ta' ġebla mill-knisja parrokkjali hemm skola primarja mmexxija mis-Sorijiet Sależjani (li qegħdin ukoll fir-Rabat).

F'dar-raħal instab qabar Puniku, kif ukoll ħjiel neolitiku. Oġġett rari ferm, anki jekk iktar reċenti, hu eżempju f'kundizzjoni tajba ta' maxrabija – tieqa "Għarbija" li tippermetti lil dak li jkun li jixref barra bla ma jinkixef.

Niċeċ għandna kemm trid: hawn teżisti waħda (tal-Lunzjata) li, bil-kolonni li fuqhom qiegħda, x'aktarx hi unika.

Ma nistgħux nitilqu mill-Għasri u nħallu barra l-Fanal ta' Ġurdan: nista' niddeskrivih bħala *landmark* mill-iktar prominenti – 180 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar. Dal-proġett inawgurah formalment il-Gvernatur Reid fl-1857 – bi spiża totali erba' darbiet kemm stmata oriġinarjament! Tant kien importanti għan-navigazzjoni Mediterranja – u tant jolqtok, anki b'ton romantiku, dawlu – li Gabriele D'Annunzio saħansitra semmieh f'poeżija tiegħu. Illum xogħol il-*lighthousemen* spiċċa iżda l-post instablu użu xjentifiku alternattiv.

Nagħlaq billi nirreferi għall-arma: tliet siġriet taż-żebbuġ; infatti l-etimoloġija "popolari" timmaġina l-għasir ta' dal-frott. Il-probabiltà hi li t-tifsira rridu nsibuha fir-realtà ġeografika: japplika sew il-ftit ħin ta' nżul ix-xemx għal post imdawwar bl-għoljiet. Iżda l-motto, *ex labore fructus*, ikompli mal-ewwel sens u jfisser "mix-xogħol il-frott".





